

2) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbat, barra l-ispejjeż tagħha, dawk sostnuti minn TMG Landelijke Media BV u Menzo Willems

⁽¹⁾ ĠU C 190, 8.6.2015.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta' Jannar 2016 – Oase vs UASI – Compo France (AlGo)

(Kawża T-300/15) ⁽¹⁾

(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Irtitrar tal-oppożizzjoni — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni”)

(2016/C 098/59)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Oase GmbH (Hörstel, il-Ġermaniż) (rappreżentant: T. Weeg, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: H. Kunz, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Compo France SAS (Roche-Lez-Beaupré, Franza) (rappreżentant: J. Meyer, avukat)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tal-11 ta' Frar 2015 (Każ R 1049/2013-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Compo France SAS u Oase GmbH.

Dispożittiv

1) Ma għadx hemm lok li tingħata deċiżjoni.

2) Oase GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż tagħha kif ukoll għal dawk sostnuti mill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI). Compo France SAS għandha tbat l-ispejjeż tagħha.

⁽¹⁾ ĠU C 262, 10.08.2015.

Rikors ippreżentat fil-15 ta' Diċembru 2015 – Blaž Jamnik u Blaž vs Il-Parlament

(Kawża T-726/15)

(2016/C 098/60)

Lingwa tal-kawża: is-Sloven

Partijiet

Rikorrenti: Jožica Blaž Jamnik (Ljubljana, is-Slovenja) u Brina Blaž (Ljubljana) (rappreżentant: D. Mihevc, avukat)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

Talbiet

— tikkonstata li l-għażla tal-offerent fil-proċedura INLO.AO-2013-051-LUX-UGIMBI-06 kienet illegali;

- tannulla l-għażla tal-offerent;
- tagħżel lir-rikorrenti inkwantu offerent tal-offerta li hija l-iktar vantaġġuża;
- sussidjarjament, tagħti lir-rikorrenti kumpens għad-danni ta' EUR 3 852 384,60 EUR fil-każ li ma jintgħażlux inkwantu offerent tal-offerta li hija l-iktar vantaġġuża fil-proċedura INLO.AO-2013-051-LUX-UGIMBI-06;
- tirrimborsa lir-rikorrenti l-ispejjeż tal-proċedura.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 113 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012⁽¹⁾

Skont ir-rikorrenti, l-għażla tal-offerent tal-offerta li hija l-iktar vantaġġuża saret bi ksur tal-Artikolu 113 tar-regolament imsemmi hawn fuq għaliex il-kriterji stabbiliti minn qabel, indikati fl-ispeċifikazzjonijiet, ma ġewx osservati.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq l-illegalità tal-iżvolġiment tal-proċedura ta' għażla

F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti jindikaw li l-proġetti, id-dokumentazzjoni grafika u l-kalkoli statistiċi li huma hemżu mal-offerta tagħhom ma kienu s-suġġett tal-ebda eżami għaliex ma ntbagħtux mill-uffiċċju ta' Ljubljana lejn il-Lussemburgu għall-finijiet tal-proċess deċiżjonali.

⁽¹⁾ Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-25 ta' Ottubru 2012, dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, p. 1).

Appell ippreżentat fit-18 ta' Diċembru 2015 minn DI mid-digriet mogħti fil-15 ta' Ottubru 2015 mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fil-Kawża F-113/13 DI vs EASO

(Kawża T-730/15 P)

(2016/C 098/61)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellanti: DI (Bucarest, ir-Rumanija) (rappreżentanti: I. Vlaic u G. Iliescu, avukati)

Partijiet oħra fil-proċedura: Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil (EASO)

Talbiet tal-appellant:

- tannulla d-digriet tal-15 ta' Ottubru 2015 tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fl-intier tiegħu fil-Kawża F-113/13;
- tilqa' dan l-appell;
- tannulla d-deċiżjoni tal-EASO li tkeċċi lill-appellant, u konsegwentement tobbliha lill-EASO jannulla l-effetti legali kollha tal-imsemmija deċiżjoni u li jpoġġi lill-appellant fl-istatus preċedenti kif xieraq;
- tobbliha lill-EASO jħallas lill-appellant l-ammont ta' EUR 90 000 bħala danni materjali, u l-ammont ta' EUR 500 000 bħala danni morali; u
- tobbliha lill-EASO jħallas l-ispejjeż kollha tal-appellant relatati mar-rappreżentazzjoni legali quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku dwar il-Kawża F-113/13, u dwar dan l-appell.